MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2008

Avviz Numru. 325/2008

**Fl-atti tal-Mandat ta' Qbid numru 1720/08 fl-ismijiet:**

**BAS Ltd (C 444)**

**Vs**

**Rosalie Darmanin**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta' rikorrenti, RNC Company Limited, wara li ppremettiet illi fl-17 ta' Gunju 2008, inhareg mandat ta' qbid kontra Rosalie Darmanin detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 350756M in esekuzzjoni ta' titolu esekuttiv skond sentenza ta' din il-Qorti deciza fis-6 ta' Novembru 2008 liema mandat gie ezegwit fit-23 ta' Gunju 2008;

Illi l-istess mandat ta' qbid gie pero' esegwit fuq oggetti li m'humiex proprjeta ta' l-imsemmija Rosalie Darmanin

personalment izda fuq oggetti li jappartjenu lis-socjeta' RNC Compnay Limited (C 37995) li fiha l-imsemmija debitrici Rosalie Darmanin ghandha biss ghaxar ishma minn elfejn sehem kif jirrizulta mill-Memorandum & Articles of Association anness u market bhal Dok A.

Illi l-fond li minnu nqabdu l-oggetti elenkati fil-mandat ta' qbid lanqas ma jappartjeni lill-imsemmija Rosalie Darmanin izda huwa proprjeta' li s-socjeta' rikorrenti kriet minghand Joseph Montebello kif jirrizulta mill-kuntratt anness u markat bhala Dok B.

Illi s-socjeta‘ rikorrenti m'ghandha taghti xejn lis-socjeta' BAS Ltd li harget il-mandat ta' qbid u qatt ma kellha ebda relazzjoni maghha.

Illi, ghalhekk, is-socjeta BAS Limited m'ghandha ebda dritt li taqbad oggetti appartententi lis-socjeta' rikorrenti u aktar w aktar tipprocedi sabiex tbiegh l-istess oggetti bis-subasta.

L-esponenti talbet bir-rispett li din l-Onor Qorti tordna s-sospensjoni tal-proceduri tal-bejgh bl-irkant tal-oggetti mobbli, proprjeta' taghha, maqbuda permezz tal-mandat ta' qbid fl-ismijiet premessi.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors u li huwa l-"memorandum and articles of association" tas-socjeta' rikorrenti (fol 2 sa fol 13 tal-atti markat Dok A) kif ukoll l-iskrittura tal-lokazzjoni u licenzja relattiva vis-à-vis il-post minn fejn l-istess oggetti gew maqbudin u elevati (fol 14 sa fol 18 markat Dok B).

Rat id-digriet moghti fil-21 ta' Novembru 2008 a fol 49 u 50 tal-istess atti.

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata (fol 51 u fol 52 ibid) u li biha esponiet bir-rispett:-

Illi s-socjeta' RNC Company Limited intavolat rikors fl-atti tal-mandat suriferit fejn eccepiet illi l-oggetti maqbuda permezz tal-mandat ta' qbid mahrug fuq talba tas-socjeta'

esponenti huma proprjeta' taghha u mhux ta' Rosalie Darmanin. Illi s-socjeta' RNC Company Limited talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tissospendi s-subbasta numru 60/2008 iffissata ghall-24 ta' Novembru fl-ismijiet suriferiti;

Illi preliminarjament ai termini ta' l-artikolu 354 tal-Kap. 12 tal-Ligjiet ta' Malta din il-Qorti ma ghandhiex kompetenza ratione materia biex tisma u tiddeciedi fuq ir-rikors tas-socjeta' RNC Company Limtied. L-artikolu 354 jiddisponi illi proceduri ta' subbasti ghandhom jinstemghu u jigu decizi biss mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili bhala Qorti ta' kompetenza superjuri u mhux mill-Qrati tal-Magistrati li huma Qrati ta' kompetenza inferjuri;

Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-procedura adottata mis-socjeta' rikorrenti hija irrita u nulla ai termini ta' l-artikolu 283(A) (1) ghax nonostante li r-rikors gie intavolat fl-atti tal-mandat ta' qbid is-socjeta' RNC Company Limited qieghda titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tissospendi is-subbasta, liema procedura hija ghal kollox indipendenti mill-proceduri tal-mandat ta' Qbid;

Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikors tas-socjeta' RNC Company Limited huwa irritu u null in kwantu ma jottemprax ruhu ma' l-artikolu 326(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijet ta' Malta li jirrikjedi li terza persuna, fi proceduri ghas-sospensjoni tas-subbasta, tiddeposita l-Qorti somma li fl-opinjoni tar-Registratur tkun bizzejjed biex taghmel tajjeb ghall-ispejjez li jsiru minhabba s-sospensjoni tas-subbasta;

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suepost, is-socjeta' RNC Company Limited trid tipprova illi l-oggetti mobbli maqbuda fl-atti tal-mandat 1920/2008 huwa propjreta taghha u mhux ta' Rosalie Darmanin liema prova ma saritx;

Illi ghal kull buon fini u minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat illi mid-dokumenti presentati mis-socjeta' RNC Company Limited jirrizulta illi l-stess socjeta mhijiex ghajr il-lunga manus ta' l-istess Rosalie Darmanin. Illi Rosalie Darmanin giet appuntata bhala l-unika direttur,

segretarju tal-kumpanija kif ukoll chairman vita durante tal-bord tad-diretturi, sahansitra bid-dritt ta' "casting vote", oltre li ghandha ukoll ir-rapprezentanza kemm legali kif ukoll guridika ta' l-istess socjeta. Illi f'kazi simili il-Prim'Awla tal-Qorti Civili gia rriteniet illi *Il-Qorti tifhem illi fejn jirrizulta agir skorrett li juri mala fides ma ghandhiex thalli lil min jahti ghal dan l-agir jiehu vantagg mill-"mala fides" tieghu. Il-ligi taghna hija mibnija fuq il-buona fides. L-ebda negozju guridiku ma ghandu immunita' mill-principju li "fraus omnia corrumpit". Jekk biex tkun newtralizzat l-effett ta' mala fides huwa mehtieg li l-Qorti tipprexxindi mill-personalita' separata ta' persuna morali, il-Qorti hija lesta li tiehu dan il-pass".*

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, is-socjeta' esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti biex tichad it-talba tas-socjeta' RNC Company Limited, bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi mill-provi prodotti, jirrisulta is-segwenti fatti:-

a) Is-socjeta' rikorrenti, fid-data tallum, ghandha, bhala azzjonisti, lil Rosalie Darmanin, kwantu ghal ghaxar ishma u lil hu din, Mario Darmanin kwantu ghal elf disa' mija u disghin (1990) ishma. In rigward id-diretturi tal-istess kumpanija, l-istess Rosalie Darmanin. Avolja tiddetjeni, biss, ghaxar (10 ) ishma hu l-uniku direttur tal-poteri kollha moghtija mill-ligi u mill-klawsola kif miftehma fl-"articles of Association" kif hawn annessi principalment il-"borrowings powers" u l-artikoli minn (15) sa ghoxrin (20).

b) Mill-istess provi, jidher dwar l-oggetti maqbudin, illi "in parti' dawn jistghu jappartjenu lis-socjeta rikorrenti waqt li l-ohrajn, enumerati 1) 2) u 4) jappartjenu lil terzi persuni ossija l-konjugi Montebello, is-sidien tal-post in kwistjoni mikri lill-istess socjeta rikorrenti kif jidher mill-annessa skrittura ta' lokazzjoni u l-inventarju anness

maghha, kollox iffirmat mill-istess konjugi Montebello u Ronnie sive Rosalie Darmanin f'isem is-socjeta' rikorrenti u bhala garanti ghall-obbligi kollha assunta minn din il-kumpanija.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, mill-lat legali, ser issir referenza ghall-artikoli citati fir-risposta tas-socjeta intimata:

a) l-artikoli 354 tal-Kapitolu 12 jiddisponi illi "Minkejja kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici il-bejgh bl-irkant tal-Qorti ghandu jitwettaq <u>taht l-awtorita tal-Qorti Civili</u> …. Indipendentement mill-Qorti li kienet tat is-sentenza li taghha tkun qed tintalab l-esekuzzjoni bl-artiklu 3 tal-istess Kapitolu 12 juri li l-Qorti Civili hi fost il-Qrati Superjuri.
b) L-artikolu 283 jirregola l-procedura dwar kif jistghu jigu attakkati atti esekuttivi u dan permess ta' rikors quddiem il-Qorti li tkun harget l-att esekuttiv u sabiex dan jithassar, kollu jew 'in parte' ghal raguni valida fil-ligi (ara s-subinciz (A) (1).
c) Fl-ahharnett, l-artikolu 326(2) jirreferi ghal twaqqif ta' subasta, meta din issir minghajr kunsens tal-kreditur, liema talba ma tistax tigi milqugha kemm il-darba ma jsirx depostiu fil-Qorti ta' somma li, fil-fehma tar-Registratur tkun sufficjenti sabiex taghmel tajba ghall-ispejjes risultanti mill-istess twaqqif.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, permezz tar-rikors in esami din il-Qorti qed tigi mitluba sabiex "… tordna s-sospensjoni tal-procedura tal-bejgh bl-irkant tal-oggetti mobbli …" allegatament proprjeta tas-socjeta' rikorrenti".

Illi, pero, jidher, ukoll, illi l-artikolu 354, kif hawn fuq citat, jitkellem car fis-sens illi din il-Qorti ma hiex kompetenti sabiex taghti tali ordni in vista li din tista' tinghata mill-Prim Awla tal-Qorti Civili.

Illi, minhabba hekk, il-Qorti ma hiex sejra tara jekk l-artikoli 283 (A) (1) u 326 (2) tal-istess Kapitolu 12, gja citati, humiex applikabbli f'dan il-kaz.

Ikkunsidrat

Illi ma jistax ma jigiex rilevat illi mill-fatti kif risultanti mill-provi, certi mill-oggetti jappartjenu lill-konjugi Montebello waqt li ohrajn jistghu jappartjenu lis-socjeta' rikorrenti u kien jkun opportun li jintalab rimedju taht l-artikolu 283(A)(1) citat.

Ikkunsidrat

Illi, ghandu jinghad ukoll "obiter" illi jidher li s-socjeta' rikorrenti hi kontrollata, "de facto" u kif risultanti mill-"articles of association" tal-istess socjeta' minn Rosalie Darmanin. Dwar l-oggetti, allegatament appartenti lil din is-socjeta' din il-Qorti kienet issibha difficlli sabiex taghti xi rimedju a bazi tal-hekk imsejjah "corporate veil" ta' socjeta kummercjali b'responsabilta limitata meta jirrisulta b'mod car li din is-socjeta' hi kontrollata minn persuna ddikjarata debitrici ta' terza persuna u dan personalment u dan bi pregudizzju tal-istess kreditu.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, it-talba attrici ma tistax tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjes jithallsu mill-istess socjeta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------